# Il-Prim Ministru mitlub jinforza l-liġi bis-serjetà

## Erbgħa Ċikonji Bojod maqtula ftit siegħat wara li waslu Malta

11 ta' Awwissu 2018

BirdLife Malta qalet li l-qtil taċ-Ċikonji Bojod ma kienx inċident iżolat imma xhieda ċara ta' kemm hi mifruxa l-kaċċa illegali. BirdLife Malta ilha s-snin tappella lill-Prim Ministru biex iwaqqaf *crime unit* u stqarret li ma tistax tifhem dan in-nuqqas ta' ħajra biex din titwaqqaf.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti, hija ironika li l-WBRU u s-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qegħdin jipproponu bidla fil-liġi tal-kaċċa għall-fenek. Fil-proposti qed jitolbu biex kaċċatur jitħalla jikkaċċja l-fenek fejn irid, flok f'art privata stabbilita, kif titlob il-liġi bħalissa. Din il-proposta ħa ddgħajjef il-liġi u ħa tagħti lok għal aktar abbuż milli diġà jsir. Jekk din il-proposta tgħaddi l-kaċċaturi jkunu jistgħu jduru bis-senter fejn iridu u jisparaw bil-libertà fuq għasafar flok fuq fniek. BirdLife Malta tappella lill-Kumitat Ornis biex ma jħallix il-liċenzja għall-kaċċa tal-fenek tinbidel.

BirdLife Malta qalet li fil-ġimgħat li ġejjin mijiet ta' tajr tal-priża ħa jkun qed ipassu minn Malta u għal darb'oħra l-awtoritajiet ħa jintalbu jirranġaw is-sitwazzjoni. Sultana qal li l-idea ta' *self-regulation* falliet u l-Prim Ministru fi dmiru li jaġixxi malajr. Sultana żied jgħid li l-BirdLife ħa tkun qed tirrapporta dawn l-inċidenti lill-Imsieħbin tagħha internazzjonali. "Il-Kunsill ta' BirdLife Malta ħa jitlaqqa' b'urġenza biex jara x'azzjoni għandha tittieħed, imma l-qtil taċ-Ċikonja Bajda – tajra li tant għandha rabta' tradizzjonali mat-twelid tat-trabi u max-xorti tajba – huwa skandlu li jġiegħlek tistħi."

**ENDS**


**For more information, please contact:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org



www.birdlifemalta.org/become-member
Help us fly